MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**MARIO SCERRI**

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2007

Talba Numru. 28/2006

Avviz Numru 28/2006

Maltacom plc

vs

Kevin Grech

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba tas-socjeta' attrici li jghid hekk :

"Illi l-konvenut ghandu jigi ikkundannat ihallas lis-socjeta' Maltacom plc is-somma ta' mija u tlieta u ghoxrin lira Maltin u sebgha u disghin centezmu (Lm123.97) rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz tat-telefon bin-numru 21560773 (CN 1015296 – a/c 10224831), liema servizz gie installat fil-fond bin-numru disgha (9) Triq il-Wileg, San Lawrenz, Ghawdex, skond kif jidher mill-kopja tas-service agreement" annessa mal-avviz tat-talba u markata dokument "A".

“Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezenti, tal-VAT fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li minn issa huwa ingunt ghas-subizzjoni.”

Ra li l-konvenut gie debitament innotifikat bl-avviz tat-talba u bl-avviz ghas-smigh fit-18 ta’ Jannar 2007, u baqa’ ma dahhal ebda risposta, u lanqas ma deher personalment ghall-udjenzi tas-7 ta’ Frar 2007, u tat-13 ta’ Marzu 2007.

Sema’ lil Emanuel Cini, *customer service officer* mal-kumpanija Maltacom plc, bil-gurament fl-udjenza tas-7 ta’ Frar 2007, li spjega u kkonferma li l-ammont mitlub fl-avviz tat-talba huwa dovut lis-socjeta’ attrici mill-konvenut, u li baqa’ ma giex saldat.

Ra d-dokumenti kollha esibiti.

Fl-udjenza tas-7 ta’ Frar 2007, gew ipprezentati kapitoli ghas-subizzjoni tal-konvenut, u fl-udjenza tat-13 ta’ Marzu 2007, gew miftuha dawn il-kapitoli, u fl-assenza tal-konvenut wara li gie debitament imsejjah diversi drabi skond il-ligi, baqa’ ma deherx, u l-kapitoli gew approvati u meqjusa li gew mistqarra mill-konvenut.

Ikkunsidra li t-talba tas-socjeta’ attrici hija gusta u timmerita konferma.

Wara li ra wkoll l-artikoli 9(2)(a) u 13(b) tal-Kap.380.

Jiddeciedi ghaldaqstant billi jikkundanna lill-konvenut li jhallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ mija u tlieta u ghoxrin Liri Maltin u seba’ u disghin centezmu (Lm123.97,0) skond l-avviz tat-talba u ghall-istess ragunijiet hemm imsemmija, bl-imghaxijiet legali b’effett mid-data ta’ meta gew rezi s-servizzi msemmija sal-effettiv pagament, u bl-ispejjez kollha konnessi mat-talba tas-socjeta’ attrici nkluza l-hlas tat-taxxa fuq il-valur mizjud fuq id-drittijiet professjonali tal-avukat tas-socjeta’ attrici, kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------